31999R1594

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1594/1999

ta' l-20 ta' Lulju 1999

li jemenda l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittiv fl-għalf tal-bhejjem

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar addittivi fl-għalf tal-bhejjem [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1411/1999 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikolu 9 ta' dan,

(1) Billi t-tielet sub-inċiż tat-tieni inċiż tal-punt VII(E)(1)(4) ta' l-Anness XV li jinsab ma' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja jawtorizza lill-Isvezja li żżomm sal-31 ta' Diċembru 1997 il-leġislazzjoni tagħha li tillimita l-użu ta' l-aċidu formiku (E 236) bħala addittiv fl-għalf tal-bhejjem;

(2) Billi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness XV ji jinsab ma' l-Att imsemmi hawn fuq, l-Isvezja kellha tippreżenta dikjarazzjoni xjentifika dettaljata ta' raġunjiet mat-talba tagħha għall-adattament tal-leġislazzjoni tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-addittiv imsemmi hawn fuq;

(3) Billi l-Isvezja għaddiet id-dikjarazzjoni ta' raġunijiet tagħha nhar is-27 ta' Ġunju u nhar id-9 ta' Diċembru 1997;

(4) Billi l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba għall-adattament ippreżentata mill-Isvezja dwar l-aċidu formiku;

(5) Billi l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dak il-preservattiv jidhru li jeħtieġu li jkunu kompletati;

(6) Billi dawk li jużaw l-aċidu formiku għandhom ikunu mgħarrfa li dan ma jistax jintuża għall-preservazzjoni aċiduża aerobika ta' ċereali umdi mhux ipproċessati kemm jekk waħdu jew ma' aċidi oħra meta jagħmel aktar minn nofs it-taħlita billi taħt ċerti kondizzjonijiet jista' jikkawża livell għoli ta' aflatoksin;

(7) Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitati Permanenti dwar l-għalf tal-bhejjem,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-addittiv E236 (aċidu formiku), li hu kklassifikat bħala preservattiv, huma b'dan sostitwiti b'dawk preskritti fl-Anness li jinsab ma' dan skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/524/KEE.

Artikolu 2

Minkejja l-Artikolu 1, l-aċidu formiku mqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni qabel l-1 ta' Settembru 1999 li t-tikkettjar tiegħu ma jaqbilx ma' dan ir-Regolament jista' jibqa' fiċ-ċirkolazzjoni sal-31 ta' Diċembru 1999.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 164, tat-30.6.1999, p. 56.

ANNESS

Numru KE	Additttiv	Formola kimika u deskrizzjoni	Speċi jew kategorija jew annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet ohra	It-tul ta' l-awtorizzazzjoni
					mg/kg għalf komplut			
"E 236	Aċidu formiku	CH_2O_2	Kull speċi jew kategorija ta' annimali	—	—	—	L-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu li ġej: 'L-aċidu formiku m' għandux jigi użżat, kemm waħdu u kemm bħala taħlita ma aċidi oħra meta jifforma aktar minn 50 % tal-piżż tat-taħlita, għall-aċidu aerobiku fil-preservazzjoni ta' ċereali mhux ipproċessati li għandhom kontenut ta' umdita' ta' aktar minn 15 %.'	Bla limitu"